**Nru. 324**

**ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)**

**Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34), id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar il-Ħadd, 30 ta' April, 2017, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Awtorità tat-Turiżmu.

L-24 ta' Marzu, 2017

**No. 324**

**PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)**

**Lower Barrakka Gardens**

IT is notified for general information that as enabled by Article 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34), the Director of Agriculture has approved that on on Sunday, 30th April, 2017, from 4.00 p.m. onwards the Lower Barrakka Gardens will be closed to the public and will be under the control of the Malta Tourism Authority.

24th March, 2017

**Nru. 325**

**ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)**

**Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34), id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar nhar il-Ħadd, 30 ta' April, 2017, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

L-24 ta' Marzu, 2017

**No. 325**

**PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)**

**Upper Barrakka Gardens**

IT is notified for general information that as enabled by Article 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34), the Director of Agriculture has approved that on Sunday, 30th April, 2017, from 3.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the public and will be under the control of the Office of the Prime Minister.

24th March, 2017

**Nru. 326**

**KUMITAT KONSULTATTIV GĦALL-KURA BARRA MINN MALTA (TAAC)**

B'REFERENZa għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 276 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Marzu, 2017, ngħarrfu illi qed tiġi mħassra.

L-24 ta' Marzu, 2017

**No. 326**

**TREATMENT ABROAD ADVISORY COMMITTEE (TAAC)**

WITH reference to Government Notice No. 276 published in the Government Gazette of Fiday, 17th March, 2017, it is notified that it is being cancelled.

24th March, 2017

**Nru. 327**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali**

Bi qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (L.S. 549.46) fir-rigward tal-applikazzjoni msemmija hawn taħt, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux

**No. 327**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Notification of Exemption from Environmental Planning Statement**

In conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations, 2007 (S.L. 549.46) with respect to the application mentioned hereunder, the Environment and Resources Authority has determined that

probabbli li tirriżulta f'impatti ambjentali li jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv fl-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali. Għalhekk, id-Direttur jaqbel li l-proposta ma teħtiġx Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali (EPS). Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ambjentali li huma speċifikati fil-kundizzjonijiet tal-proġett propost.

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddetermina l-applikazzjoni kif ġie konkluż fl-*iscreening* tal-proġett skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Numru ta' Riferenza: | PA03858/16 |
| Post: | Sit f'Triq Maddorbu, il-Qrendi, Malta |
| Proposta: | Konverżjoni ta' barriera li m'għadiex tintuża għal '*heritage park*' u '*transport museum*'. L-applikazzjoni tinkludi sanzjonijiet ta' interventi strutturali li diġà saru bħalma hu muri fit-tpinġijiet u xogħlijiet proposti. L-interventi proposti jinkludu l-inkorporazzjoni tal-użu ta' klassi 4C, żona għall-wirjiet, żona għar-restawr tal-karozzi, l-introduzzjoni ta' pont tal-injam u parkeġġ. Interventi għal sanzjoni jinkludu xogħlijiet ta' skavar, ħitan strutturali, pont tal-injam, tisbiħ ta' rampa u l-estensjoni minuri għall-istrutturi eżistenti. |

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS). Il-PDS flimkien mal-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali ġew sottomessi lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fis-26 ta' Jannar 2016 u t-3 ta' Frar, 2017 rispettivament.

the proposal is unlikely to result in environmental impacts that can be effectively addressed in an Environmental Impact Assessment. Therefore, the Director agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS). This is without prejudice to the environmental obligations being specified in the proposed project conditions.

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application as concluded in the project screening according to Schedule IB of the same Regulations.

A detailed justification is presented below:

| | |
|---|---|
| Reference Number: | PA03858/16 |
| Location: | Site at Triq Maddorbu, Qrendi, Malta |
| Proposal: | Conversion of a disused quarry to heritage park and transport museum. Application includes sanctioning of structural interventions already carried out as shown in drawings and proposed works. Proposed interventions include the incorporation of class 4C use, area for display of exhibits, area for car restoration, introduction of timber bridge and parking area. Interventions to sanction include excavation works, structural walls, timber bridge, embellishment of ramp and minor extension to existing structures. |

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to ERA on the 26th January, 2016, and the justification for exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on the 3rd February, 2017.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżura biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Użu tal-art | Iż-żona għall-iżvilupp propost kienet fil-passat użata bħala barriera (ġebel tal-franka) u, ladarba eżawrita, is-sit tħalla mitluq għal ħafna snin. Sadanitant is-sit tnaddaf minn fdalijiet, metall skreppjat u veġetazzjoni. Permezz ta' din il-proposta, li tinkludi wkoll *landscaping*, is-sit se jiġi restawrat. |

| | |
|---|---|
| *Land use* | *The area for the proposed development has in the past been utilised for quarrying activities (soft stone) and once exhausted, the site was left derelict for many years. This area was since cleared from debris, scrap metal and vegetation. Through the proposed after use, including landscaping the site will be restored.* |
| Impatt viżiv | Il-proposta mhux se tkun viżibbli mill-livell tat-triq, billi l-mużew propost se jkun taħt il-livell tat-triq. Il-*landscaping* estensiv tas-sit se jtaffi kwalunkwe impatt viżwali perċepit. |
| *Visual amenity* | *Proposal will not be visible from road level as the proposed museum will be below road level. The extensive landscaping of the site will also mitigate any perceived visual impacts.* |
| Traffiku | Investigazzjonijiet tal-istat tat-traffiku eżistenti nnutaw problemi minuri li jikkonċernaw il-wisa' tat-toroq minħabba li Triq Maddorbu hija mserrpa. Madankollu, l-impatti mhumiex meqjusa sinifikanti minħabba li l-ammont ta' traffiku tul din ir-rotta huwa baxx. Kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat se jiġi pprovdut parkeġġ għall-vetturi kbar u żgħar. |
| *Traffic* | *Investigations of existing traffic conditions have noted minor problems concerning road widths owing to the winding nature of Triq Maddorbu. However, impacts are not considered to be significant in view of the low volume of traffic along this route. During both construction and operation, adequate parking provision will be provided for large and smaller vehicles.* |
| Impatt fuq il-wirt kulturali | Il-proposta qed tfittex li tintegra d-dolmen (Misraħ Sinjura Dolmen, magħrufa wkoll bħala l-Ħaġar l-Imsaqqfa) fis-sit. F'dan il-każ, qed jiġu proposti konsultazzjoni u monitoraġġ arkeoloġiku b'kordinazzjoni mal-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali |
| *Impact on cultural heritage* | *The proposal is seeking to integrate the dolmen (Misraħ Sinjura Dolmen, also known as il-Ħaġar l-Imsaqqfa) on site. In this instance, consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) is required especially regarding monitoring of on-site works.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | Storbju u vibrazzjoni waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jkunu limitati għal attivitajiet tipikament assoċjati f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat, l-istorbju u vibrazzjonijiet mhumiex mistennija li jkunu sostanzjali. Minħabba li s-sit jinstab taħt il-livell tat-triq, mhux mistenni li jkun hemm impatt sinifikanti ta' storbju. Dan billi kull ħoss se jigi skrinjat/rifless mill-ħitan tal-barriera nnifisha. Barra minn hekk, kwalunkwe impatt jista' jittaffa b'mod suffiċjenti permezz ta' miżuri li jistgħu jiġu amministrati permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali. |
| *Noise and vibrations* | *Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operation, noise and vibrations are not expected to be substantial. The proposal is not expected to have a significant impact on noise given that being located below road level, any noise will be screened/reflected by the quarry walls themselves. Furthermore, any impacts can be mitigated sufficiently through measures which could be managed by means of an environmental registration.* |
| Ħolqien ta' skart | L-ebda skart mhu mistenni li jiġi ġġenerat waqt it-tindif tas-sit, u l-ebda twaqqigħ mhu se jseħħ. Ammont żgħir ta' skart huwa mistenni li jiġi ġġenerat matul il-kostruzzjoni u l-aħħar fażijiet ta' irfinitura. Matul l-operat, l-attivitajiet fuq il-post mhumiex mistennija li jiġġeneraw ammonti sinifikanti ta' skart. L-iskart mistenni matul il-fażi tal-operat jinkludi skart muniċipali, skart minn attivitajiet ta' tindif, żjut użati, sustanzi kimiċi, fluwidi u/jew aċidi u skart ieħor. Kwalunkwe skart ġenerat, kemm perikoluż u dak mhux perikoluż, għandu jiġi ġestit f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva. |
| *Waste generation* | *No waste is anticipated during site clearance, and no demolition works will take place. A small amount of waste is expected to be generated during construction and finishing phases. During operation, the activities on site are not expected to generate significant amounts of waste. Waste expected during the operational phase include municipal waste, cleaning activities, spent oils, chemicals, fluids and/or acids and other wastes. Any waste generated be it hazardous or non hazardous should be managed in line with the respective legislation.* |

| | |
|---|---|
| Kwalità tal-ilma/Tixrid tnixxijiet fl-ambjent | In vista li l-pjan ta' ġestjoni tal-iskart taż-żona se jintuża sabiex jiġi assigurat li l-unitajiet kollha jkollhom sistema siġillata ta' drenaġġ biex ikun żgurat li l-ebda sustanzi kimiċi jew sustanzi perikolużi ma jkunu mitfugħin qabel ma jiġu trattati, il-proposta mhix mistennija li jkollha impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-ilma minn tixtrid u tnixxijiet fl-ambjent. Miżuri oħra ta' tnaqqis jinkludu *spill kits*, art impermeabbli u faċilitajiet tal-ħasil tar-roti. |
| *Water quality/Spillages/ leaks into the environment* | *The proposal is not expected to have a significant impact on water quality through spillages and leaks into the environment in view that an area-wide waste management plan will be employed to ensure that all units have a sealed drainage system to ensure that no chemicals or hazardous substances are discharged without prior treatment. Other proposed mitigation measures include spill kits, impermeable ground and wheel washing facilities.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif ikun meħtieġ biex tinforma l-proċess tad-deċiżjoni.

L-24 ta' Marzu, 2017

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to inform the decision making process.

24thMarch, 2017

**Nru. 328**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI**

**Strument ta' Delega skont id-Dispożizzjonijiet tal-Artiklu 9 tal-Att Dwar Il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549)**

L-AWTORITÀ Għall-Ambjent u r-Riżorsi qed tawtorizza l-uffiċjali hawn taħt imsemmija, taħt il-kundizzjonijiet li huma speċifikati kif ġej, biex jaġixxu f'isimha u f'isem id-Direttur tal-Ambjent:

1. Biex joħorġu permessi ta' kunsinna skont il-provvedimenti u limtazzjonijiet tar-Regolamenti tal-2011 dwar l-Iskart (L.S. 549.63);

2. Biex joħorġu permessi skont il-provvedimenti u limitazzjonijiet tar-Regolamenti tal-2011 dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (Vjaġġi ta' Skart), (L.S 549.65);

3. Biex joħorġu permess ta' skemi skont il-provvedimenti u limitazzjonijiet tas-segwenti:

Regolamenti tal-2014 dwar l-Immaniggjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S.549.89);

Regolamenti tal-2010 dwar Maniggjar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi) (L.S. 549.54); u

Regolamenti tal-2007 dwar l-Ippakjar u l-Iskart tal-Ippakjar fil-Maniġġar tal-Iskart (L.S. 549.43)

Is-Sa Aimée Brincat
Is-Sur Anthony Aquilina
Is-Sur Jonathan Henwood

L-24 ta' Marzu, 2017

**No. 328**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Instrument of Delegation under the Provisions of Article 9 of the Environment Protection Act (Cap. 549)**

THE Environment and Resources Authority is hereby authorizing the following officers, under the conditions specified hereunder, to act on its behalf and on behalf of the Director of Environment:

1. To issue consignment permits under the provisions and limitations of the Waste Regulations, 2011 (S.L. 549.63);

2. To issue permits under the provisions and limitations of Waste Management (Shipments of Waste) Regulations, 2011 (S.L. 549.65);

3. To issue scheme permits under the provisions and limitations of the following:

Waste Management (Electrical and Electronic Equipment) Regulations, 2014 (S.L. 549.89);

Waste Management (Waste Batteries and Accumulators) Regulations, 2010 (S.L. 549.54); and

Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations, 2007 (S.L. 549.43)

Ms Aimée Brincat
Mr Anthony Aquilina
Mr Jonathan Henwood

24th March, 2017